MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 193/2013

**Ivan Vella**
**(ID 24276M)**

**vs**

**Makaw Limited**
**(C 8250)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl- 4 ta’ Lulju 2013 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallsu is-somma ta’ tlett elef, disgha mija u sitta u sebghin Euro u erbgha centezmi (€3,976.04) rappresentanti bilanc li ghadu dovut mill-intimat ghax-xoghol illi sar fuq istruzzjonijet tas-socjeta intimata gewwa fabbrika f’Hal Far.

Bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra interpellatorja datata 29 ta’ April 2013, tal-Ittra Ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A datata Mejju 2013 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ppresentat kontestwalment mal-kawza odjerna u bl-interessi mid-data ta’ l-ittra interpellatorja sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta datata 22 ta Lulju 2013 fejn is-socjeta intimata cahdet it-talbiet attrici stante illi l-ammont mifteiehm bejn il-partijiet kien gia thallas in intier mis-socjeta intimata filwaqt illi sahqet illi r-rikorrent kellu jipprova abbazi ta’ xiex kien qieghed jitlob il-hlas zejjed.

Rat l-affidavit ta’ **Ivan Vella** ippresentat fit 18 ta’ Novembru 2013.

Rat l-affidavit ta’ **Jamal Warsane Suleiman** ippresentat fit 18 ta’ Novembru 2013.

Rat l-affidavit ta’ **Mayer Scicluna** ippresentat fit 18 ta’ Novembru 2013.

Rat l-affidavit ta’ **Anthony Farrugia** ippresentat fit 18 ta’ Novembru 2013.

Rat l-affidavit ta’ **Josef Bonavia** ippresentat fit 18 ta’ Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta’ **Ivan Vella** moghtija fis 17 ta’ Jannar 2014, li kellha terggha tinghata fl-14 ta’ April 2014 stante illi x-xhieda ma setghetx tigi traskrita, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Andre’ Camilleri** moghtija fil 11 ta’ Lulju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ **Andre Camilleri** u **Ivan Vella** moghtija fis 27 ta’ Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Josef Bonavia** in kontro ezami moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Anthony Camilleri** in kontro ezami u ri-ezami moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnnu esebita.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensur tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ s-socjeta intimata ippresentata fit 8 ta’ Gunju 2015.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi s-socjeta intimata kienet hadet ‘*Turn-Key Contract*’ ma’ sid ta’ fabbrika gewwa Hal Far sabiex isiru xogholijiet estensivi ta’ ‘*refurbishment*’ li kien jinkludu, fost affarjiet, it-tnehhija tal-membrane illi kien hemm u l-installazjoni ta’ membrane gdid.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata qabbdet lir-rikorrenti sabiex jaghmel dana ix-xoghol u permezz ta’ ftehim datat 6 ta’ Dicembru 2012 (fol 25) il-partijiet ftehim dwar rati ta’ membrane differenti illi setghu jigu installati kif ukoll gie miftiehem rata ghall-qlugh tal-membrane illi kien hemm, ossija dak ta’ €1 ghal kull metru kwadru.

Jirrizulta illi l-partijiet kienu ftehmu illi jinqala il-membrane l-antik u jigi installat membrane gdid izda gara li hekk kif beda jaqla l-membrane, irrizulta illi l-ewwel saff tal-membrane kien imwahhal mas-saffi ta’ tahtu u ghalhekk kellu jinqala il-membrane kollu.

Jirrizulta illi r-rikorrent, meta ra hekk, waqaf ix-xoghol u talab direzzjoni minghand is-socjeta intimata u, skond ir-rikorrent, il-Project Manager ta’ l-istess socjeta intimata, ossija Andre Camilleri, qallu illi kellu jsir xoghol tajjeb u ghalhekk kellu jinqala kollox.

Jirrizulta, illi wara illi tnehha l-membrane, il-partijiet ltaqghu sabiex jiddiskutu dak illi kellu jsir ghall installer ta' membrane gdid u, fost affarjiet ohra, gie indikat illi dwar tnehhija tal-membrane, kienu tnehhew tlett saffi u mhux wiehed.

Jirrizulta illi fl-4 ta' Frar 2013 is-socjeta intimata hallset lir-rikorrent is-somma ta' €1,689 li gie ikkalkolat mis-socjeta intimata abbazi ta' kejl ta' 1,689 metri kwadri, liema cekk issarraf mir-rikorrenti fil 11 ta' Frar 2013 (fol 43).

Jirrizulta, sussegwentement, illi r-rikorrent ma inghatax l-inkariku illi jaghmel il-membrane hu, u ghalhekk beda jinsisti illi s-socjeta intimata thallsu il-bilanc dovut lilu kalkolat fuq tlett saffi.

Jirrizulta illi, mument minnhom, is-socjeta intimata kienet disposta illi thallas lir-rikorrent is-somma ta' €1,000, stante illi l-klijent taghhom kien dispost jaghmel hekk ukoll (fol 64).

Jirrizulta, madanakollu, illi r-rikorrenti cahad tali offerta u, ghalkemm huwa stqarr ukoll li kien offrut is-somma ta' €2,000, huwa rrifjuta dan u talab li jithallas ghax-xoghol kollu illi huwa ghamel peress illi lanqas ma kienu ser ihallsu ta' l-ispejjez legali minnu inkorsi.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita, illi l-ftehim bejn il-partijiet kien ta' €1 ghall kull metru kwadru ta' membrane illi kien ser jinqala.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kejlet is-saqaf fid-daqs ta' 1689 metri kwadri, u dana abbazi ta' valuation minnha stess mahruga fl-4 ta' Frar 2013.

Jirrizulta illi l-kwistjoni li kien hemm aktar xoghol minn dak originalment mahsub ma huwiex kkontestat u dana anke in vista tal-fatt illi l-klijent li kien qabbad lis-socjeta intimata taghmel ix-xogholijiet kien dispost illi joffri €1,000 ulterjuri ghal dak gia imhallas lir-rikorrent, liema offerta, madanakollu, ma gietx accettata mir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi r-rikorrent, fil-proceduri odjerni, imkien ma esebixxa xi tip ta' statement sabiex jindika fid-dettall huwa x'kien qieghed jiltob u ma ippresenta ebda document illi juri il-kejl attwali tas-saqaf illi fuqu kien hemm il-membrane illi huwa nehha u strah unikament fuq il-kejl moghti mis-socjeta intimata stess.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi hemm kunflitt fil-verzjonjiet tal-partjiet fis-sens illi r-rikorrent jghid illi s-saqaf kollu kelllu tlett saffi filwaqt illi s-socjeta intimata tghid illi partijiet tas-saqaf kellu tlett saffi.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi ghalkemm ix-xhieda kollha tar-rikorrent jghidu illi x-xoghol dam ghaddej wiehed u ghoxrin gurnata, is-socjeta intimata tghid illi dana ma huwiex minnu. Tali oggezzjoni hija imsahha bil-fatt illi d-dokument esebit mir-rikorrent stess sabiex juri x-xoghol ta' garr tal-membrane u l-ispiza illi nkorra fil-garr tieghu turi illi attwalment il-

garr ha biss jumejn xoghol – hija kemmxejn inverosimili illi erbgha persuni damu ghaddejjin dsatax-il gurnata jaqilghu l-membrane.

Tenut kont ta' tali fatti, il-Qorti ma tistax ma tiddubitax il-fatt illi attwalment ir-rikorrent hadem wiehed u ghoxrin gurnata, waqt il-granet festivi tal-milied. Tali dubju jwassal lill-Qorti tiddubita wkoll il-fatt illi fuq is-saqaf kollu kien hemm tlett saffi membrane. Huwa aktar verosimili illi kien hemm partijiet li kellu tnejn u partjiet li kellu wiehed, kif tistqarr is-socjeta intimata.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-fatt li kien hemm offerta ta' €1,000 hija indkazzjoni cara illi kien ammess li kien dovut ammont ta' flus ghal xoghol 'extra' illi kien sar, u certament tali somma hija wahda konservattiva, meta wiehed iqis il-kobor tal-fabbrika u x-xoghol illi kien hemm involut.

Il-Qorti, ghalhekk, thoss illi, ghalkemm huwa inverosimili illi l-kont ghandu jkun tripplikat, kif qieghed jikkontendi r-rikorrent, certament r-rikrorent ghandu jithallas aktar tax-xoghol minnu maghmul fuq il-lant tax-xoghol, u l-Qorti qieghda tasal ghall-konkluzjoni illi s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) ghandha tkun bizzejjed sabiex tikkumpensa lir-rikorrent ghax-xoghol zejjed ilil huwa ghamel fil-qlugh tal-membrane.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet tas-socjeta intimata u

**Tilqa** t-talba attrici limitatament u dana billi

**Tillikwida** is-somma dovuta mis-socjeta intimata lir rikorrenti fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000), liema somma tinkludi l-VAT, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) ghas-saldu ta' kwalsiasi pretensjonijiet mir-rikorrent ghal xoghol ta' tnehhija ta' membrane minn gewwa l-fabbrika HHF004 gewwa Hal Far.

Spejjez kif mitluba mir-rikorrent u imghax mid-29 ta' April 2013 sad-data tal-pagament effettiv lkoll a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------